MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Numru 320/2003

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Lawrence Cutajar u**
**Spettur Alfred Mallia)**

**Vs**

Mark Anthony Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Mark Anthony Buttigieg ta' karta numru ta' identita' 201172(M) akkuzat:

Talli nhar is-16 ta' April, 2003 ghal habta tat-8:30 p.m. fil-Kalkara,

a) ikkaguna hsara volontarja fil-propjeta ta' Joe Mizzi MP u cioe' mal-bieb ta' wara tar-residenza tieghu tieghu liema

hsara tammonta ghal anqas minn Lm50.00 u dan ghad-detriment ta' l-istess Joseph Mizzi MP.

b) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin hedded bi kliem lil diversi familjari ta' Joe Mizzi MP.

c) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin kiser il-mistrieh u l-paci pubbliku b'ghajjat , storbju, glied jew mod iehor.

d) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin bhala membru fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta u ghaldaqstant ufficjal pubbliku, sar hati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi milli jsir u dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jipprospettaw il-hsara volontarja, it-theddid bil-kliem , u l-ksur tal-mistrieh u l-paci pubblika. Hemm ukoll l-akkuza illi l-imputat irrenda ruhu hati ta' dawn l-offizi fil-kapacita' tieghu ta' impjegat pubbliku.

Issa ghandu jirrisulta car mill-provi li fil-gurnata de qua l-imputat verament agixxa b'manjiera li halla l-emozjonijiet jisfukaw ir-raguni. U ta' dan l-imputat ghandu jassumi u jacetta r-responsabbilitajiet tieghu kif jidher li assuma u accetta. Certament ma kienx fl-loku u l-waqt li jipprovoka s-sensibilitajiet ta' haddiehor lanqas li kieku ma kienx ufficjal pubbliku wisq izjed ghalhekk li kien.

Illi fil-kaz in disanime din il-Qorti ssib li l-akkuzi ta' indoli kontravenzjonali jirrisultaw ben pruvati fil-kuntest tal-fatti pruvati u mhux qehedha tirrijavvisa ebda provokazzjoni

minn naha ta' terzi. L-imgieba tal-imputat fic-cirkostanza partikolari kienet provokatarja fiha nnifisha u kapaci li ggib reazzjoni u allarm ghal paci pubblika b'konsegwenzi ta' ksur tal-bon ordni.

Illi ghal dak li tikkoncerna l-ewwel imputazzjoni, dik cioe' tal-hsara, l-volontarjita' hija insita in re ipsa. Pero' ghal dak li huwa l-quantum jirrisulta anke fuq l-iskorta tax-xhieda, li l-imputat ghamel hsara limitatament fil-hgiega tal-bieb, li skond l-istima esebita, giet tiswa Lm5.

Ghall-kumplament huwa ndubitat li l-imputat huwa pulizija u ghalhekk il-piena ghandha tizdied bi grad kif jipprovdi l-Artikolu 141 tal-Kap 9. Dan jimporta, ai termini tal-Artikolu 31 tac-citat Kap 9, it-tlugh tal-piena ghal multa jew prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlett xhur. Din il-Qorti izda mhux tal-fehma li ghandha tapplika piena ta' prigunerija.

Ghalhekk tiddecidi li fil-waqt li sssib l-imputat hati tal-akkuzi kollha kontrih dedotti, wara li rat l-Artikolu 325(d), 339(e), 338(dd), 141, 17 u 31 tal-Kap 9, qeghedha tikkundanna l-imputat multa ta' Lm100.

Il-Qorti hija tal-fehma u ta' dan taghmel rakkomandazzjoni li l-imputat m'ghandux jitlef xogholu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------